**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Marzu 2002

Citazzjoni numru 2219/00AJM

Kawza numru

Avukat Tony De Gaetano u Josette De Gaetano

Vs

Awtorita' ta' l-Ippjanar

Il-Qorti,

Hadet konjizzjoni tat-talba tal-awtorita' konvenuta kontenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha fejn giet mitluba l-kjamata in kawza tal-konjugi Farrugia bhala partijiet interessati.

Hadet konjizzjoni tal-opposizzjoni tal-atturi ghall-imsemmija talba u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, b'digriet appozitu, terza persuna tista' tgi msejjha f'kawza mixja bejn partijiet ohra fil-qorti ta' l-ewwel grad, sew fuq talba ta' wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba. Meta jigri hekk il-parti imsejha fil-kawza ghandha tigi notifikata bl-att promotur u titqies bhal kull konvenut iehor, daqs li kieku mill-ewwel kienet proposta kontra taghha.

Qed jigi sottomess mill-Awtorita' konvenuta li din il-kjamata hija necessarja nkwantu qed jigi allegat mill-atturi li l-fond tal-konjugi Farrugia huwa kostruwit b'mod illegali filwaqt li l-proceduri quddiem l-istess awtorita' kienu ukoll skorretti. Qed jinghad ukoll li fil-konsiderazzjonijiet taghha f'gudizzju finali l-Qorti trid thares mhux biss lejn it-talbiet izda ukoll lejn il-premessi tac-citazzjoni fejn jissemmew l-istess konjugi Farrugia u li ghalhekk jkun utili li jissejjhu fil-kawza.

L-atturi qed jissottomettu li ma hemmx htiega ghal din il-kjamata in kawza billi l-konjugi Farrugia, bil-mod kif inhuma intavolati t-talbiet, qatt ma jistghu jigi kundannati jew liberati, stante li dawn it-talbiet huma kollha indirizzati lejn l-Awtorita.

L-istitut tal-kjamata in kawza dejjem gie applikat meta jirrizulta nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju b'mod li jekk terza persuna ma tissejjahx fil-proceduri, s-sentenza finali tkun monka billi mhux partijiet kollha interessati jkunu milquta b'tali pronunzjament gudizzjarju.

Issa minn ezami tal-premessi fic-citazzjoni jidher li dak li qed jigi allegat fil-konfront tal-Awtorita' huwa intimament marbut ma permessi u

kostruzzjoni maghmula mill-girien ta' l-atturi u cioe l-konjugi Farrugia. Mhux hekk biss talli qed jigi allegat li dan l-izvilupp sar "*taht pjanti foloz*" kif ukoll li "*ma huwiex kopert b'permessi."* Mhux hekk biss izda jirrizulta li t-talbiet indirizzati kontra l-Awtorita' ma hmiex limitati ghall-agir taghha izda huma ukoll intizi sabiex l-izvilupp tal-konjugi Farrugia jigi regolat b'mod kif jixtiequ l-atturi. Dan jidher car mit-tielet talba attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li l-konjugi Farrugia jigu kjamati in kawza biex jirrispondu ghall-allegazzjonijiet maghmulin fil-konfront taghhom u ghat-talbiet ta' l-atturi, fejn dawn jikkoncernawhom intimament.

Spejjes rizervati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri